MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1534/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurata taghha Conquest Limited (C18691) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Conquest Limited**

**Vs**

**Rupert Teuma (ID : 123179 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u erbghin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm241.35), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, u bl-ispejjes u bl-imghax kif indikati fl-istess Avviz.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u erbghin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm241.35), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------